MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

### ONOR. IMHALLEF
### MARK CHETCUTI

Seduta tal-15 ta' Frar, 2011

Citazzjoni Numru. 26/2011

**Roxcel Handelsgesellschaft G.m.b.H socjeta' estera registrata fi Vienna fl-Awstria kif lokalment rapprezentata mill-mandatarju specjali taghha Dr. Antoine Cremona**
**vs**
**Media.Link Communications Company Limited**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ġuramentat tas-socjeta' rikorrenti tat-12 ta' Jannar 2011 fejn jinghad hekk:

1. Illi socjeta' estera Roxcel Handelsgesellschaft G.m.b.H ta' P.O. Box 160, Thurngasse 10, A-1092, Vienna, fl-Awstrija, hija socjeta' attiva fis-suq tal-importazzjoni u l-esportazzjoni ta' merkanzija tal-istampar u kienet tissupplixxi lis-socjeta' konvenuta b'diversi kwalitajiet ta' *reels* kif ukoll *standard newsprint (Twin Wire) equipment* u prodotti relatati;

2. Illi s-socjeta' konvenuta hija debitrici tas-socjeta' estera kif lokalment rraprezentata fis-somma bilancjali ta' hamsa u hamsin elf seba mija u disa u tmenin Euro u erba w erbghin centezmu (€55,789.44) liema soma tirraprezenta bilanc dovut fuq prezz ta' merkanzija relatata mal-istampar mibjugha u kkonsenjata lis-socjeta' konvenuta fuq inkarigu u struzzjonijiet tal-istess socjeta' konvenuta kif jirrizulta mir-rendikont anness u mmarkat Dok. RH1 liema rendikont jirreferi ghall-fatturi numri 2212151 u 2212161 (annessi u mmarkati bhala Dok. RH2 u Dok. RH3) li jirrapprezentaw merkanzija kkonsenjata skond iz-zewg polzi ta' karigu (annessi u mmarkati bhala Dok. RH4 u Dok. RH5);

3. Illi minkejja li s-socjeta' konvenuta giet interpellata diversi drabi sabiex thallas l-import ta' dawn il-fatturi msemmija permezz ta' diversi emails (annessi u mmarkati bhala Dok. RH6), anke permezz ta' ittra ufficjali datata sebgha u ghoxrin (27) ta' Settembru 2010 (hawn anness u mmarkat Dok. RH7), is-socjeta' konvenuta baqghet inadempjenti;

4. Illi dan l-ammont huwa cert likwidu u dovut u ghalhekk dan jaghti d-dritt lir-rikorrenti sabiex jipprocedi kontra s-socjeta' intimata bi procediment sommarju specjali kif provdut fl-artikolu 167 *et sequitur* tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, kif fil-fatt qieghda taghmel;

5. Tghid ghalhekk is-socjeta' intimata ghaliex m'ghandhiex din il-Qorti, tiddeciedi skond it-talba bid-dispenza tas-smigh tal-kawza ghat-tenur tal-artikolu 167 *et sequitur* tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, u tikkundanna, ghar-ragunijiet hawn fuq premessi, lis-socjeta' konvenuta thallas lill-attur nomine s-somma bilancjali ta' hamsa u hamsin elf seba mija u disa u tmenin Euro u erba u erbghin centezmu (€55,789.44) rapprezentanti l-bilanc fuq l-import totali tal-fatturi msemmijin fir-rendikont esebit, liema somma ghadha sal-lum dovuta, bl-imghaxijiet legali mid-data rispettiva ta' kull fattura sad-data tal-pagament effettiv;

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali datata 27 ta’ Settembru 2010 u l-imghaxijiet kummercjali skond il-ligi mid-data tal-fatturi relattivi sad-data tal-pagament effettiv kontra s-socjeta’ konvenuta li hija ngunta minn issa ghas-subizzjoni;

Rat il-lista tax-xhieda u dokumenti tas- socjeta’ rikorrenti;

Rat in-nota tas-socjeta’ intimata tat-8 ta’ Frar 2011 li biha ammettiet it-talbiet kif dedotti fir-rikors ġuramentat;

Billi mill-ammissjoni tas-socjeta’ intimata, it-talbiet dedotti fir-rikors ġuramentat jirriżultaw pruvati;

Fuq ammissjoni tas-socjeta’ intimata, tiddeċiedi billi tilqa’ t-talbiet tas-socjeta’ rikorrenti kif dedotti fir-rikors ġuramentat bl-imghax kif mitlub u bl-ispejjeż kontra s-socjeta’ intimata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------